7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have a Teacher's Permanent Warrant and proven relevant work experience.

7.3. Successful candidates, who apply in terms of paragraph 5.1(iii) above, will be put on an order of merit list named Category A. Those applying in terms of paragraph 5.1(iv) will be put on an order of merit list named Category B and those applying in terms of paragraph 5.1(v) will be put on an order of merit list named Category C.

7.4. Successful candidates, who apply in terms of paragraph 5.1(iii) above, will be given preference over successful candidates who apply in terms of paragraph 5.1(iv) above and these in turn be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraph 5.1(v) above. Hence, applicants applying under paragraphs 5.1(iv) and (v) will only be considered once the order of merit of Category A referred to in paragraph 7.3, has been exhausted and if vacancies still exist.

7.5. Successful candidates, who apply in terms of paragraphs 5.1(iii) and 5.1(iv) above, will teach accredited courses at MQF Levels 1-5, while those applying in terms of paragraph 5.1(v) will teach accredited courses at MQF Levels 1-2.

7.6. Consequently, separate result lists will be published according to the order of merit pertaining to the subject/area mentioned in paragraph 1.2 above, and in accordance with section 5.1, and paragraphs 7.3 and 7.4. The result list will remain valid for two (2) years from date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Submission of Applications

8.1. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and

iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Novembru, 2022

Innovation through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 5th December, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

18th November, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Kindergarten Educators fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kindergarten Educators fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar għal Kindergarten Educator III u għal perijodu ta' prova ta' sitt (6) xhur għal Kindergarten Educator II u I.

2.2. Is-salarju għal post ta' Kindergarten Educator III għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekwiżiti tal-eleġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2022 huwa ta' € 21,950 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' € 24,396.

2.3. Persuna fil-grad ta' Kindergarten Educator III fi Skala ta' Salarju 10 titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' KGE III fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4. Is-salarju għal post ta' Kindergarten Educator II, għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekwiżiti tal-eleġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iv) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2022 huwa ta' €19,323 fis-sena, li jiżdied bi €354 fis-sena sa massimu ta' €21,447.

2.5. Persuna fil-grad ta' Kindergarten Educator II fi Skala ta' Salarju 12 titla' fi Skala ta' Salarju 10 (€21,950 x €407.67 - €24,396 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' KGE II fi Skala ta' Salarju 12, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Kindergarten Educators in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the post of Kindergarten Educators within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Terms and Conditions

2.1. This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months for Kindergarten Educator III and for Kindergarten Educator II and I, a probationary period of six (6) months.

2.2. The salary for the post of Kindergarten Educator III, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) is Salary Scale 10, which in the year 2022 is €21,950 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €24,396.

2.3. A Kindergarten Educator III in Salary Scale 10 will progress to Salary Scale 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 in 2022) on completion of five (5) years service in the grade of KGE III in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.4. The salary for the post of Kindergarten Educator II, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraphs 4.1 (iv) is Salary Scale 12, which in the year 2022 is equivalent to €19,323 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €21,447.

2.5. A Kindergarten Educator II in Salary Scale 12 will progress to Salary Scale 10 (€21,950 x €407.67 - €24,396 in 2022) on completion of five (5) years service in the grade of KGE II in Salary Scale 12, subject to satisfactory performance.

2.6. Is-salarju għal post ta' Kindergarten Educator I, għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekwiżiti tal-eleġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (v) huwa ta' Skala ta' Salarju 15, li fis-sena 2022 huwa ta' €15,717 fis-sena, li jiżdied b'€298.00 fis-sena sa massimu ta' €17,505.

2.7. Persuna fil-grad ta' Kindergarten Educator I fi Skala ta' Salarju 15 titla' fi Skala ta' Salarju 14 (€16,865 x €316.83 - €18,766 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' KGE I fi Skala ta' Salarju 15, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u terġa' titla fi Skala ta' Salarju 13 (€18,074 x €335.50 - €20,087 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin oħra ta' servizz fil-grad ta' KGE I fi Skala ta' Salarju 14, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.8. Barra minn hekk, persuna fil-grad ta' Kindergarten Educator I, li tieħu l-inizjattiva u ttemm b'suċċess kwalifika sħiħa (Diploma) f'Livell 5 tal-MQF hekk kif msemmija f'paragrafu 4.1 (iv), tiġi awtomatikament promossa fil-grad ta' Kindergarten Educator II fi Skala ta' Salarju 12.

2.9. Barra minn hekk, persuna fil-grad ta' Kindergarten Educator I jew II, li tieħu l-inizjattiva u ttemm b'suċċess kwalifika sħiħa (Degree) f'Livell 6 tal-MQF hekk kif msemmija f'paragrafu 4.1 (iii), tiġi awtomatikament promossa fil-grad ta' Kindergarten Educator III fi Skala ta' Salarju 10. F'tali każijiet, is-snin ta' servizz bħala Kindergarten Educator II għandhom ikunu meqjusa għall-progressjoni fuq bażi ta' 4:1 (kull erba' (4) snin fil-grad ta' Kindergarten Educator II għandhom jirriżultaw fi tnaqqis ta' sena (1) għall-progress fl-Iskala tas-Salarju 9).

2.10. Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

2.11. Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.12. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Dmirijiet

3.1. Hija r-responsabbiltà tal-Kindergarten Educator (KGE) li jipprovdi esperjenza ta' tagħlim rilevanti, stimulanti u li jinvolvi lill-istudenti li qegħdin fil-kura tiegħu fil-livell ta' Kindergarten bħala parti miċ-Ċiklu ta' Snin Bikrin. Il-KGE mistenni jikkollabora ma' edukaturi oħrajn li jkunu qed jappoġġjaw dan l-isforz fil-klassi jew lil hinn minnha,

2.6. The salary for the post of a Kindergarten Educator I, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraphs 4.1 (v) is Salary Scale 15, which in the year 2022 is equivalent to, €15,717 per annum, rising by annual increments of €298.00 up to a maximum of €17,505.

2.7. A Kindergarten Educator I in Salary Scale 15 will progress to Salary Scale 14 (€16,865 x €316.83 - €18,766 in 2022) on completion of five (5) years service in the grade of KGE I in Salary Scale 15, subject to satisfactory performance, and to further progress to Salary Scale 13 (€18,074 X €335.50 - €20,087) on completion of another five (5) years service in the grade of KGE I in Salary Scale 14, subject to satisfactory performance.

2.8. Furthermore, a Kindergarten Educator I, who takes the initiative and successfully completes a full qualification (Diploma) at MQF Level 5 as indicated in paragraph 4.1 (iv), will automatically be promoted into the grade of Kindergarten Educator II in Salary Scale 12.

2.9. Furthermore, a Kindergarten Educator I or II, who takes the initiative and successfully completes a full qualification (Degree) at MQF Level 6 as indicated in paragraph 4.1 (iii), will automatically be promoted into the grade of Kindergarten Educator III in Salary Scale 10. In such instances, the years of service as a Kindergarten Educator II shall be reckonable for progression on a 4:1 basis (every four (4) years in the grade of Kindergarten Educator II shall result in a deduction of one (1) year for progression into Salary Scale 9).

2.10. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

2.11. Lateral applications in the same grade from Public officers are not allowed.

2.12. Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Duties

3.1. It is the responsibility of the Kindergarten Educator (KGE) to take charge of providing appropriate, relevant, stimulating and engaging learning experiences for all learners under his/her care at kindergarten level as part of the Early Years Cycle. The KGE is expected to collaborate with other educators who may be supporting this endeavour

taħt it-tmexxija tas-Senior Management Team, anke billi jinvolvi fl-iżvilupp ta' Komunità ta' Edukaturi Professjonali, permezz tal-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Iskola. Fit-twettiq ta' din il-missjoni, il-Kindergarten Educator għandu:

i. Iżomm infurmat mal-aħħar żviluppi fil-qasam tal-Early Years Cycle, inkluż iżda mhux biss, mal-kurrikulu, pedagoġija u rrekordjar/rappurtar tal-progress tal-iżvilupp;

ii. Joħloq kundizzjonijiet mill-aqwa biex jiffaċilita l-iżvilupp tat-tfal b'mod olistiku skont linji gwida provduti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali;

iii. Jippjana, joħloq u jevalwa, ambjent stimulanti, pjaċevoli u pożittiv, li jwassal għat-tagħlim permezz ta' esperjenzi differenti, jintlaħaq bilanċ bejn attivitajiet immexxija mill-edukatur u oħrajn mill-istudent, il-biċċa l-kbira tagħlim permezz tal-logħob u strateġiji informali ta' logħob kreattiv;

iv. Jassisti, jirrekordja u jirrapporta dwar l-iżvilupp tat-tfal fil-lingwa, fiżiku, emozzjonali, konoxxittiv, soċjali, u spiritwali billi jippjana esperjenzi u attivitajiet rilevanti u stimulanti, li fihom sfida iżda jistgħu jinkisbu u li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-istudenti individwali;

v. Iwessa' l-għarfien tat-tfal u fehim tad-dinja ta' madwarhom u l-abbiltà li jirrispettaw id-diversità, dan billi joħloq opportunitajiet ta' komunikazzjoni u jistabbilixxi prattiki soċjali;

vi. Jagħti attenzjoni għal-lingwaġġ użat mit-tfal u sforzi ta' litteriżmu kif ukoll joħloq ambjent interessanti u mimli simboli;

vii. Jeduka tfal skont il-linji gwida li jinsabu fil-qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida ġenerali tal-awtorità edukattiva kompetenti fis-settur tal-edukazzjoni bikrija;

viii. Jaġġorna mal-bidliet fil-kurrikulu tal-edukazzjoni bikrija, żviluppi u prattika tajba;

ix. Jgħin biex jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp olistiku tat-tifel/tifla permezz ta' ambjent stimulanti u pożittiv bl-użu ta' strateġiji informali ta' logħob kreattiv li jgħin it-tagħlim;

x. Jippjana, jipprepara u jwettaq attivitajiet edukattivi li jistimulaw, iħeġġu u jiżviluppaw il-ħiliet tat-tifel/tifla, l-atitudnijiet u valuri personali u soċjali, awtonomija u kurżità intellettwali li jirriflettu l-istudju fundamentali tal-iżvilupp tat-tfulija bikrija;

xi. Jiżviluppa u jimplimenta skemi ta' xogħol u pjani ta' attivitajiet li jikkorrispondu mar-rekwiżiti tal-istadju fundamentali tal-iżvilupp tat-tfulija bikrija;

within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team, also by engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning. In pursuing this mission, the Kindergarten Educator is to:

i. Keep abreast of developments in the Early Years Cycle, including but not limited to curriculum, pedagogy and recording/reporting of developmental progress;

ii. Create optimal conditions which facilitate a child's holistic development according to guidelines provided by the national and local designated authorities;

iii. Plan, create and evaluate a stimulating, enjoyable and positive environment conducive to learning through a variety of experiences, striking a balance between educator and learner led activities, which predominantly include structured learning through play, and informal creative play strategies;

iv. Assist, record and report children's language, physical, emotional, cognitive, social and spiritual development by planning relevant and stimulating, challenging but achievable experiences and activities that meet the individual students' needs;

v. Broaden the child's knowledge and understanding of the world around him/her and the ability to respect diversity, also through the creation of opportunities for communication and establishment of social routines;

vi. Give full attention to children's language and literacy efforts and arranging environments which are symbol rich and interesting;

vii. Educate children according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority in the early years sector;

viii. Keep up to date with changes in the early years curriculum, developments and best practice;

ix. Facilitate the child's holistic development by creating a stimulating and positive environment conducive to learning using informal creative play strategies;

x. Plan, prepare and carry out educational activities which stimulate, foster and develop the child's abilities, personal and social attitudes and values, autonomy and intellectual curiosity in consonance with foundation stage childhood development;

xi. Develop and implement work schemes and activity plans in line with the requirements of this early childhood education foundation stage;

xii. Iħaddan u jsir xogħol lejn l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola partikolari fejn jintbagħtu jservu;

xiii. Jorganizza u jiżviluppa ambjent għat-tagħlim fis-settur tal-kindergarten, il-'visual aids' u r-riżorsi ta' tagħlim meħtieġa biex jitrawwem entużjażmu għat-tagħlim u tingħata l-għajnuna meħtieġa biex it-tfal jilħqu l-għanijiet kurrikulari fl-edukazzjoni bikrija;

xiv. Iwettaq attivitajiet addattati għall-età ta' dawn it-tfal, li jippromovu l-litteriżmu permezz tal-arti espressiva kreattiva – il-mużika u r-rittmu, id-drama u l-arti;

xv. Joħloq opportunitajiet għat-tfal biex jitħalltu ma' tfal tal-età tagħhom u adulti, li jkollhom kuntatt magħhom;

xvi. Jgħin lit-tfal sabiex, skont l-età tagħhom, jiżviluppaw il-ħiliet fil-kontroll tal-moviment u kapaċitajiet fiżiċi biex isiru indipendenti;

xvii. Josserva, jassessja u jżomm bil-miktub l-iżvilupp, il-progress u l-imġiba tat-tfal;

xviii. Jissorvelja u jagħti għajnuna waqt l-ikel, biex jilbsu u jinżgħu u jmorru t-toilet. (Huwa mifhum li t-tfal li jattendu l-kindergarten huma, b'mod ġenerali, kapaċi jmorru t-toilet qabel ma jibdew jattendu l-kindergarten);

xix. Jagħti għajnuna u jikkollabora mal-Kap tal-Iskola, l-Assistenti Kapijiet, Kindergarten Educators (KGE) oħra, Learning Support Educators u uffiċjali edukattivi fil-preparazzjoni u l-iżvilupp ta' sessjonijiet ta' logħob edukattiv fi gruppi, materjali edukattivi u programmi ta' xogħol;

xx. Jipparteċipa f'taħriġ ieħor u żvilupp professjonali kontinwu bħala KGE, li jinkludi l-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ kif indikat mid-DES b'konsultazzjoni mal-union;

xxi. Iżomm miri għoljin ta' prattika u mġiba professjonali, kif ukoll ordni u dixxiplina qalb it-tfal, biex jiġu mħarsa dejjem u kullimkien is-saħħa u s-sigurtà tat-tfal taħt il-ħarsien ta' kull KGE;

xxii. Jiffaċilita l-proċess ta' tranżizzjoni effettiva minn ħarsien bikri għal kindergarten u minn kindergarten għas-settur primarju. Jiġi stabbilit kuntatt mal-ġenituri qabel ma tifel/tifla jibda/tibda jattendi/tattendi l-kindergarten u, fejn meħtieġ, isiru żjarat f'ċentri għal tfal żgħar, bħal childcare centres, biex wieħed isir jaf aktar it-tifel/tifla. Għandu jsir kuntatt ukoll mal-għalliem/a tal-Ewwel Sena. Dokument ta' assessjar individwali huwa element importanti fil-proċess ta' tranżizzjoni minn sena għal oħra. F'każijiet ta' tfal b'diżabbiltà, il-KGE għandha tagħmel kuntatt mal-early intervention teacher biex tiżgura l-kontinwità fil-programm edukattiv li jkun inbeda;

xii. Adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school they are giving service in;

xiii. Organise and develop the kindergarten learning environment, visual aids and teaching and learning resources so as to foster enthusiasm for learning and help children achieve early learning curriculum goals;

xiv. Carry out age-appropriate activities to promote literacy through creativity, self-expressive arts – music and rhythm, drama and art;

xv. Provide opportunities for pupils to socialise with peers and adults with whom they come in contact;

xvi. Enable children to develop their gross motor control skills and physical capabilities so that they become independent according to their age;

xvii. Observe, assess and record the children's development, progress and behaviour;

xviii. Provide supervision and help during meals, dressing and undressing and toileting. (It is understood that children attending kindergarten should generally be toilet trained before they start attending school);

xix. Advise and collaborate with the Head of School, Assistant Head, other Kindergarten Educators, Learning Support Educators and education officials in the preparation and development of educational playgroup sessions, educational materials and programmes of work;

xx. Participate in further training and on-going professional development as KGE, including participation in training courses as directed by the DES in consultation with the union;

xxi. Maintain high standards of professional practice and behaviour as well as order and discipline among children under one's care thus safeguarding their health and safety at all times and locations;

xxii. Facilitate an effective transition process between child care and kindergarten, and between kindergarten and primary years. Establishing contact with parents prior to a child starting kindergarten and, where appropriate, visiting providers of pre-school care, such as childcare centres, so as to gain a better understanding of the child. Contact is also to be established with the Year 1 teacher. Individual assessment records shall constitute an important element of the transition process from one year to another. In cases of children with a disability, the KGE is to make contact with the early intervention teacher so as to ensure the continuity of the educational programme already initiated;

xxiii. Jipparteċipa f'sessjonijiet ta' żvilupp professjonali li jsir fl-iskola u fis-sessjonijiet ta' School Development Planning (SDP);

xxiv. Jista' jingħata gruppi ta' tfal ta' etajiet differenti;

xxv. Jipparteċipa f'sessjonijiet ta' mentoring immexxija mill-Kap tad-Dipartiment għall-Edukazzjoni Bikrija u/jew l-Assistent Kap u/jew mill-Kap tal-Iskola;

xxvi. Jipparteċipa fi proġetti tal-Unjoni Ewropea u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp u kif miftiehem mat-tim professjonali tal-iskola;

xxvii. Jista' jkun meħtieġ li jwettaq id-doveri tiegħu f'Għawdex;

xxviii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xxix. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2. Peress li t-tfal fiċ-ċentri tal-Kindergarten ma jidħlux kollha fil-bidu tas-sena skolastika, KGEs li jkunu bla klassi jistgħu jingħataw doveri oħra ta' natura kurrikulari, pedagoġika u superviżjonali, u/jew żvilupp professjonali marbut ma' edukazzjoni bikrija u ħarsien f'dan is-settur sakemm jiġu assenjati grupp ta' tfal matul is-sena skolastika.

3.3. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipprovdi servizz f'aktar minn skola waħda/ċentru u tista' tintbagħat taqdi dmirijiet minn skola għal oħra skont kif ikun meħtieġ mill-Awtoritajiet Edukattivi. Il-persuna magħżula tista' tintbagħat taqdi dmirijiet f'Malta u/jew f'Għawdex skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u tal-MEYR b'mod partikolari.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

xxiii. Participate in school-based staff development sessions and in School Development Planning (SDP) sessions;

xxiv. May be assigned groups of mixed ages;

xxv. Participate in mentoring sessions led by the Head of Department for the Early Years and/or the Assistant Head and/or the Head of School;

xxvi. Encourage participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team;

xxvii. May also be required to perform duties in Gozo;

xxviii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xxix. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2. Given the staggered intake of children in kindergarten centres, KGE shall be deployed on other school curricular, pedagogical and supervisory duties and/or professional development in relation to early childhood education and care until such time as they are assigned their group of children in the course of the scholastic year.

3.3. A selected candidate may be required to provide service in more than one school/centre as deemed necessary by the Education Authorities. A selected candidate may be deployed in Malta and/or Gozo according to the exigencies of the Malta Public Service and in particular the MEYR.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in Maltese and English languages;

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Degree) f'Livell 6 jew ogħla tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti *) fl-Early Childhood Education and Care jew kwalifika professjonal komparabbli;

iii. in possession of a recognised full qualification (Degree) at MQF Level 6 or higher (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent *) in Early Childhood Education and Care or a comparable professional qualification;

iv. jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn kandidati eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eleġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Diploma) f'Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti *) fl-Early Childhood Education and Care jew kwalifika professjonali komparabbli;

iv. in the absence of applications from eligible candidates according to paragraph 4.1 (iii) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised full qualification (Diploma) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent *) i Early Childhood Education and Care or a comparable professional qualification;

v. jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn kandidati eliġibbli skont paragafu 4.1 (iv) u/jew ma jkunx hemm

v. in the absence of applications from eligible candidates according to paragraph 4.1 (iv) and/or in the absence of

biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eliġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom award rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 30 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fl-Early Childhood and Care jew kwalifika komparabbli.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 30/60/120/180 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabbli), hekk kif applikabbli hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

vi. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għanda tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*.

*Kwalifiki ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised award at MQF Level 5 (subject to a minimum of 30 ECTS/ECVET credits or equivalent*), in Early Childhood and Care or a comparable qualification.

*A recognised Qualification comparable to 30/60/120/180 ECTS/ECVET credits (as applicable), as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

vi. Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 90 ECTS/ECVETS credits or equivalent*.

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3. Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4. Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.4. Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7. Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8. Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400.

6.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.3. L-applikanti magħżula jitniżżlu fuq tliet (3) listi ta' mertu separati. Il-lista A jkollha l-ordni ta' mertu ta' dawk l-applikanti magħżula li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 4.1 (iii) ta' hawn fuq u l-ingaġġ ikun fil-grad ta' Kindergarten Educator III. Il-lista B ikollha l-ordni ta' mertu ta' dawk l-applikanti magħżula li jikkwalifikaw taħt paragrafu 4.1 (iv) ta' hawn fuq u l-ingaġġ ikun fil-grad ta' Kindergarten Educator II. Il-lista C ikollha l-ordni ta' mertu ta' dawk l-applikanti magħżula li jikkwalifikaw taħt paragrafu 4.1 (v) ta' hawn fuq u l-ingaġġ ikun fil-grad ta' Kindergarten Educator I. L-ewwel preferenza tingħata lil dawk il-kandidati magħżula mniżżla fil-lista A u mbagħad dawk il-kandidati magħżula mniżżla fil-lista B u mbagħad dawk il-kandidati magħżula mniżżla fil-lista C.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1.L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Online Recruitment Portal tal-Edukazzjoni biss (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Submission of Supporting Documents

5.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 400.

6.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

6.3. Successful applicants will be listed in three (3) separate order of merit lists. List A will contain the order of merit of successful applicants who satisfy all the requisites as specified in paragraph 4.1 (iii) above and engagement will be in the grade of Kindergarten Educator III. List B will contain the order of merit of successful applicants who qualify under paragraph 4.1 (iv) above and engagement will be in the grade of Kindergarten Educator II. List C will contain the order of merit of successful applicants who qualify under paragraph 4.1 (v) above and engagement will be in the grade of Kindergarten Educator I. First preference will be given to successful candidates from List A, then to successful candidates from List B, and then to successful candidates from List C.

Submission of Applications

